***Stqarrija għall-istampa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)***

**Il-Konferenza tal-NCPE għall-Jum Internazzjonali tal-Mara 2021**

Il-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt fuq il-ħajja u l-benesseri ta' ħafna nies. Hekk kif tiżviluppa s-sitwazzjoni, il-valuri ewlenin tal-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni iridu jkomplu jkunu mħarsa u promossi għal kulħadd. Fid-dawl ta' dan, fil-Jum Internazzjonali tal-Mara, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) organizzat Konferenza online biex tqajjem kuxjenza fost il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali dwar kif il-pandemija affettwat il-ħajja tan-nisa u tal-irġiel.

Il-Jum Internazzjonali tal-Mara huwa jum iddedikat biex jonora l-kisbiet li għamlu n-nisa madwar id-dinja matul l-istorja. Normalment ikun f'dan il-jum li s-soċjetà tirrifletti fuq l-isfidi li jfixklu l-potenzjal sħiħ tan-nisa sabiex b'hekk jipprovdu opportunitajiet indaqs kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel.

Fid-diskors tal-ftuħ tiegħu, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza, l-Onor. Dr Edward Zammit Lewis saħaq li din il-pandemija kompliet isaħħaħ l-inugwaljanzi li diġà kienu jeżistu fis-soċjetajiet tagħna. Il-pandemija wrietna li, issa iktar minn qatt qabel, l-ugwaljanza hija importanti u għandha tkun fuq quddiem fi kwalunkwe rispons politiku, leġislattiv u istituzzjonali. L-Onor. Dr Zammit Lewis irrefera għall-istatistika tal-EIGE li turi li 26.5% tan-nisa madwar l-UE jinsabu f'impjieg prekarju, meta mqabbla ma' 15.1% tal-irġiel.[1] F'dan ir-rigward, b'rispons għall-pandemija, il-Gvern Malti nieda l-Iskema tas-Suppliment tal-Pagi tal-COVID-19 biex jissalvagwardja l-impjiegi.

Il-Kummissarju tal-NCPE, is-Sa Renee Laiviera esprimiet tħassib dwar il-fatt li n-nisa mhux biss jiffurmaw il-maġġoranza (76%) tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa fl-UE[2], iżda komplew ukoll jerfgħu ħafna mir-responsabbiltajiet eżistenti domestiċi u ta' kura, ikkawżat mill-pandemija. Is-Sa Laiviera rreferiet għall-istudju ta' riċerka tal-NCPE li juri li hemm differenza sostanzjali ta'

[1] https://eige.europa.eu/covid-19-and-gender-equality/economic-hardship-and-gender
[2] https://eige.europa.eu/covid-19-and-gender-equality/frontline-workers

16% bejn ir-rispondenti nisa u rġiel li rrappurtaw żieda fil-ħin iddedikat għax-xogħol tal-iskola mid-dar. Is-Sa Laiviera saħqet li hemm bżonn li jsir ħafna iktar xogħol biex nippromwovu u ndaħħlu bidliet fl-imġiba li jkissru l-isterjotipi tas-sessi u jegħlbu l-irwoli tradizzjonali tas-sessi.

Prof JosAnn Cutajar mid-Dipartiment tal-Ġeneru u s-Sesswalitajiet fi ħdan il-Fakultà għall-Benesseri Soċjali u s-Sesswalitajiet u l-Ġeneru fl-Università ta' Malta, enfasizzat l-isfidi li għandhom jiġu indirizzati biex nimxu 'l quddiem, inkluż bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-benefiċċji u l-isfidi tat-teleworking, u l-impatti diversi fuq in-nisa u l-irġiel f'setturi ekonomiċi differenti.

Il-Kummissarju tal-NCPE, is-Sa Renee Laiviera u s-Sur Andre' Callus, Eżekuttiv (Politika u Taħriġ) tal-istess entità taw preżentazzjoni dwar l-istudju ta' riċerka tal-NCPE dwar it-tqassim tax-xogħol fid-djar matul il-pandemija tal-COVID-19. Ir-riżultati juru li, matul il-pandemija, iż-żieda fin-numru ta' sigħat meħtieġa biex jitwettaq ix-xogħol tad-dar u l-kura tat-tfal żdiedu aktar għan-nisa milli għall-irġiel, filwaqt li l-ħin mgħoddi fid-divertiment, il-kura personali u l-irqad naqas aktar għan-nisa milli għall-irġiel.

Wara dawn il-preżentazzjonijiet, kien hemm ukoll diskussjoni mar-rappreżentanti mis-setturi tas-saħħa u l-impjiegi kif ukoll ma' akkademiċi li ddiskutew it-triq 'il quddiem wara l-pandemija.

Din il-Konferenza online, li saret biex tfakkar il-Jum Internazzjonali tal-Mara, offriet opportunità sabiex inħarsu lejn kif il-pandemija laqtet diversi setturi, il-gruppi l-aktar milquta minn din il-kriżi, l-impatt tal-COVID-19 fuq id-dinja tax-xogħol u, l-aktar importanti, it-triq 'il quddiem lejn soċjetà ġusta u ugwali lil hinn mill-pandemija.

**2 ta' Marzu 2021**